**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Jannar 2022**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Numru:- 276/21 JVC**

**Osama Ebeid**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrent Osama Ebeid talab kif isegwi:

1. 'L-esponenti huwa akkużat li kien kompliċi fi traffikar ta' persuni. Illi saret kumpilazzjoni u issa gie rimess ghall-

Qorti Kriminali. Quddiem il-Qorti Kriminali huwa ressaq eċċezzjoni fis-sens li nsista mill-bidu li x-xhieda li nstemghu bir-rogatorji u li huma xhieda Ċiniżi ghandhom jixhdu viva-voce fil-qorti. Naturalment, l-avukat sottoskritt jaf x'jiġri s-soltu. Il-marixxal għid li ma sabhomx dakinhar tal-ġuri, skont l-Art 646(11), u l-Qorti kriminali tara l-Art 646(2) u fuq talba tal-prosekuzzjoni tinqara kull dikjarazzjoni li jkun ghamel ix-xhud. Din ġrat kemm-il darba, imma ma jfissirx li hi mħarsa l-Kostituzzjoni.

Illi l-Qorti Kriminali b'sentenza mogħtija fl-1 ta' Settembru 2020 laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u fejn dwar l-istess xhieda l-Qorti Kriminali qalet illi tqis illi x-xhieda mogħtija waqt ir-rogatorji hija ammissibbli pero`, "dan ma jeżentax lill-prosekuzzjoni milli qabel xejn iressqu xiehda tax-xhieda skont l-Artiklu 646 tal-Kodiċi Kriminali u jekk il-prosekuzzjoni tagħmel talba skont l-Artiklu 646(10) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti f'dak l-istadju tiddeċiedi jekk u sa fejn ikun jista' jitqies li hemm impossibilita' diffikulta' gravi oġġettiva jew diffikulta' gravi soġġettiva f'dan il-kas u jkunu jimmeritaw il-miżura msemmija fl-Artiklu 646(2)(9) tal-Kodiċi Kriminali."

2. L-esponenti għamel appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri li ddeċidiet fis-27 ta' Jannar 2021. Illi b'dik is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali u fis-sens li wieħed irid jara fl-istadju opportun jekk isirx kontro-eżami jew le jew inkella wieħed jibqa' fuq dawk id-dokumenti li hemm wara l-ittri rogatorji.

3. Quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali l-esponenti nsista fuq id-dritt kostituzzjonali tiegħu għall-kontro-eżami tax-xhieda, li jekk ma sarx ma kienx ħtija tiegħu u jekk ma jistax isir m'għandux jippreġudikah. Anzi tali xhieda m'għandhiex tiġi kunsidrata. Minn hemmhekk imbagħad għandha tqum illi l-istess xhieda mhijiex ammissibbli.

4. Illi l-esponenti jqis li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali li ġiet ikkonfermata f'dik il-parti fejn isir riserva li l-qorti tara jekk hemmx ċirkostanzi tali ta' impossibilita', diffikulta' gravi oġġettiva jew diffikulta' gravi soġġettiva li jimmeritaw il-miżuri msemmijin fl-Artiklu 646 (2) (9) tal-Kodiċi Kriminali, hija leżiva ghad-dritt kostituzzjonali tieghu taħt l-Artiklu 39 (6) (d) tal-Kostituzzjoni, u li l-provvedimenti tal-Artiklu 646 (2) u 646 (9) huma fil-fatt inkompatibbli mal-Artiklu 39 (6) (d) tal-Kostituzzjoni.

5. Bir-rispett kollu ż-żewġ qrati u speċjalment il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri għamlu taħwida mhux ċkejkna fir-raġunament anke kostituzzjonali li nġieb 'il quddiem.

Wieħed irid jagħmilha ċara li kwotazzjonijiet u kollha li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem peress li minkejja dak li jinghad fl-Artiklu 6 (3) tal-Konvenzjoni, id-dritt tal-kontro-eżami mhuwiex assolut. Fil-Kostituzzjoni Maltija dak id-dritt m'għandu l-ebda eċċezzjoni għalih. U l-kontro-eżami jrid isir lix-xhud biex dan jigi ammissibbli u kwalunkwe dikjarazzjoni li jkun għamel ma tiswiex jekk ma jiġix suġġett għall-kontro-eżami. Umbagħad taħt il-konvenzjoni fejn jidħol *fair trial* fil-

proċess kriminali iridu jaraw il-proċess kollu mitmum, u jaraw iħallix togħma li ma kienx hemm fair trial kollox mitmum u kollox magħdud.

Inutli li wieħed imur ifittex fuq test tal-liġi li huwa kemmxejn differenti minn dak Malti. Fit-test Malti l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ma jagħmlux dak l-artiklu tad-dritt tal-kontro-eżami suġġett għal xi liġi bħalma hi l-liġi kriminali. Veru li meta nkiteb dak l-Artiklu tal-Kostituzzjoni, il-Kodiċi Kriminali kien "protett". Pero' dak iż-żmien għadda u llum kull kodiċi u kull liġi Maltija hija suġġetta għall-Kostituzzjoni.

Mela wieħed ma jistax jakkampa interpretazzjoni tal-Kodiċi Kriminali jew inkella tal-Konvenzjoni Ewropeja bħala li biddlet dak li jgħid l-Artiklu, bl-iktar mod car u tond, tal-Kostituzzjoni dwar id-dritt tal-kontro-eżami.

Dak l-artiklu ma jagħtix fakolta' lill-Qorti kriminali li wara li ssirilha talba mill-Prosekuzzjoni "umbaghad tara x'tiddeċiedi!" Il-Kostituzzjoni ma tħalli l-ebda diskrezzjoni.

6. Tajjeb li wieħed jagħmel riassunt qasir tal-fatti li joħroġ mis-sentenza tal-Appell Kriminali.

Waqt l-inkjesta l-Maġistrat Dr Joseph Apap Bologna kien tela' Sqallija u ċertament ma kienx hemm l-imputat li seta' jagħmel xi kontro-eżami. Waqt il-kumpilazzjoni, mbaghad immexxija mill-Maġistrat Dr Antonio Micallef Trigona, ntalbu r-rogatorji. L-avukat sottoskritt insista li m'opponiex għalihom għax ma setax jopponi pero' nsista li jkun preżenti għall-kontro-eżami. Minkejja din l-insistenza

u saħansitra l-awtoritajiet barranin kienu nfurmati bit-talba biex jattendi, dan ma sarx u ġew ir-rogatorji lura u qisu ma ġara xejn.

Dan ma fissirx li ntilef id-dritt tal-kontro-eżami. L-ewwel il-Qorti tal-Appell Kriminali ripetutament qalet illi l-proċeduri tar-rogatorji jitmexxew skont il-liġi tal-pajjiż rikjest mhux tal-pajjiż rikjedenti. F'dan il-kas ifisser illi għall-eżami bħal dan wiehed irid imur għall-liġi Taljana u mhux għall-ligi Maltija.

7. Jekk wieħed imur għall-proċedura Taljana, dawn ir-rogatorji jitqiesu bħala *incidente probatorio*. Skont l-Artiklu 401 (5) tal-Codice di Procedura Penale Taljan huwa ċar u jgħid, "Le prove sono assunte con le forme stabbilite per il dibattimento. Il difensore della persona offesa puo' chiedere al Giudice di rivolgere domande alle persone sottoposte all' esame." Dan ifisser illi l-akkużat assistit jew il-persuna indagata u l-parti ċivili jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lix-xhud li jkun qiegħed jinġieb fl-inċident probatorju u l-Maġistrat tal-indaġini preliminari jrid jagħti avviż ta' mhux inqas minn jumejn lill-partijiet u lill-avukati biex jattendu. Artiklu 398 (3) Codice CPP.

8. Imbaghad joħrog manifest ir-regolament tal-liġi Taljana tal-Artiklu 723 et seq CPP dwar ir-rogatorji internazzjonali kemm dawk li jsiru mill-Italja għall-barra u kemm dawk li jsiru minn barra għall-Italja. Ir-rwol prinċipali bħalma kien f'dan il-kas huwa tal-Giudice delle Indagini Preliminari. U allura jirreferi għall-artiklu ċitat aktar qabel. Issa fis-sistema Taljana wara r-riforma tal-Kodiċi Penali Taljan daħlu s-sistema tal-kontro-eżami dirett tax-xhud. Qabel il-mistoqsijiet li jsiru lix-xhud, l-avukat kien irid jagħmilhom

lill-Imħallef u jkun l-Imhallef li jagħmel il-mistoqsijiet lix-xhud. Dik il-proċedura spiċċat u llum hemm il-kontro-eżami dirett tax-xhud. Tant hu hekk li kull min ikun parti fil-proċess u d-difensuri jridu jigu notifikat u mogħtija l-opportunita' biex jattendu. Dan filfatt ma sarx.

Illi kien għalhekk li l-esponenti ressaq il' quddiem, kif ġie notifikat bli x-xhieda għandhom jinstemgħu viva voce. Ma kienx qed iħalli l-fakolta' lill-Prosekuzzjoni taht l-art 646 (10) li tinqara x-xiehda.

Illi bir-riserva li għamlet il-Qorti Kriminali approvata mill-Qorti tal-Appell Kriminali li tistenna sal-mument jekk taċċettax dak li sar fl-inkjesta meta l-imputat ma kellu l-ebda opportunita' li jagħmel kontro-eżami kellux jiġi aċċettat bħala xiehda, mhux forsi imma definittivament se jiġri. Il-marixxal skont is-sub artiklu 11 jgħid illi x-xhieda Ċiniżi ma jinstabux Malta u ma setax jinnotifikahom, illi l-prosekuzzjoni titlob li jinqara dak li sar fl-inkjesta, u l-Qorti tagħmel bħas-soltu. Dan igib illi l-Artiklu 646 tal-Kodiċi Kriminali fil-partijiet tiegħu li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant illi jaċċetta xhieda meta kien hemm l-impossibilta' ta' kontro-eżami jmur kontra l-Artiklu 39 (6) (d) tal-Kostituzzjoni.

Il-Kostituzzjoni hija l-liġi suprema ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha: Tiddikjara li s-sub-artiklu (2) tal-Artiklu 646 fl-ewwel proviso tiegħu fil-parti fejn jibda bil-kliem, "ħlief jekk" sa l-kliem "jinsab u" jivvjolaw il-Kostituzzjoni ta' Malta (u mhux il-Konvenzjoni Ewropeja

tad-Drittijiet tal-Bniedem) fl-Artiklu 35 (6) (d)." Bl-ispejjeż kontra l-intimat.'.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

'Illi r-rikorrent qieghed jallega lezjoni tal-jedd ghal-smigh xieraq fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta` Malta vs. Osama Ebeid att t`akkuza numru 9/2018*** li tinsab quddiem il-Qorti Kriminali. Essenzjalment din il-lanjanza hija mibnija fuq ilment li r-rikorrenti ghandu fis-sens li huwa talab li certu xhieda tal-prosekuzzjoni li xehdu permezz ta` ittri rogatorji, ikun jistghu jixhdu *viva voce* fil-guri sabiex hu ikollu l-possibilita` li jaghmilhom kontro-ezami. Ir-rikorrent qed jallega li l-artikolu 646(2) tal-Kap 9 huwa vjolattiv tal-kostituzzjoni ghaliex dan l-artikolu jistabilixxi li meta xhud ma jkunx jista jista jixhed *viva voce* minhabba li jkun miet, ma jistghax jinstab jew ikun barra minn Malta, f`dak il-kaz ix-xhieda tieghu tkun tista tinqara lil-gurija.

Illi l-esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet li huma minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi preliminarjament jinghad li din l-kawza kostituzzjonali tressqet intempestivament galadarba l-proceduri kriminali ghadhom ma gewx konkluzi quddiem il-Qrati kriminali u peress li l-jedd tas-smigh xieraq irid jigi ikkunsidrat fit-totalita` tal-proceduri in kwistjoni dan ghalissa ma jistghax isir. Illi sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita' tieghu. Illi kif jirrizulta mir-rikors promotur, il-proceduri penali in konfront tar-

rikorrent ghadu ma giex deciz definittivament tant li l-guri lanqas biss gie ccelebrat.

Illi huwa pacifiku li sabiex tkun tista' tigi deciza allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq hu mehtieg illi jsir apprezzament tal-process kriminali fl-interezza tieghu. Dan ghalissa ma jistghax isir proprju ghaliex il-proceduri kriminali huma pendenti quddiem il-Qrati penali.

2. Illi din il-kawza m`ghandiex tkun forma ta` appell minn decizjonijiet li inghataw minn Qrati ohra rigward produzzjoni u ammissibilita` ta` xhieda liema kwistjonijiet huma strettament marbuta mal-mod kif process kriminali ghandu jinstema` u jigi deciz mill-Qrati penali. F`dan il-kaz kien hemm pronunzjamenti studjati u motivati kemm mill-Qorti Kriminali b`sentenza datata 1 ta` Settembru 2021 kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta` Jannar 2021. Il-Qrati penali taw direzzjoni cara wara li saret analizi dettaljata ta` dak li talab ir-rikorrenti u cioe` meta permezz ta` Nota iddikjara li jixtieq li x-xhieda kollha ta` nazzjonalita` Ciniza ghandhom jixhdu *viva voce* fil-guri. Illi l-esponent minn issa jirrileva li hu qieghed jaqbel kompletament mal-konsiderazzjonijiet li ghamlu l-Qrati kriminali liema konsiderazzjonijiet huma relevanti ferm ghal-lanjanza li ghandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti. Hija Qorti ta` Gurisdizzjoni Kriminali li ghandha s-setgha bil-Ligi tiddeciedi fuq l-ammissibilita finali ta` provi u xhieda - Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) **Repubblika ta' Malta vs Edwin Cioffi (27.11.1990)** li rriproduciet dak li kienet qalet is-sentenza tal-istess Qorti f'**Sua Maesta il Re vs Dott. C. Mifsud Bonnici et (4.1.1929)** u f'**Repubblika ta' Malta vs Cecil Pace u Henry Pace (30.5.1977)**.

3. Illi bhala fatti tal-kaz, tajjeb li jigu iccarati certu affarijiet fejn jidhlu l-ittri rogatorji. Jirrizulta li matul l-inkjesta magisterjali a rigward dan il-kaz, kienet saret talba ghall-ittri rogatorji mill-Awtoritajiet guddizzjarji Maltin lil dawk Taljani ghal smigh ta` dawn ix-xhieda Cinizi. Il-Magistrat Dr. Apap Bologna kien tela` l-Italja ghal dan il-ghan bhala parti mill-inkjesta magisterjali li kien qieghed jikkonduci. Din l-inkjesta giet redatta qabel ma` l-akkuzat qua rikorrenti kien formalment mixli b`reat quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Nhar il-25 t`Awwissu 2007. Matul il-kors tal-Istruttorja, kienet saret talba ohra ghall-ittri rogatorji mill-awtoritajiet Maltin ghal dawk Taljani. Ghalkemm ir-rikorrenti ma kiex prezenti waqt ir-rogatorji immexxija mill-Magistrat Apap Bologna ghaliex f`dak l-istadju r-rikorrent ma kienx identifikat bhala imputat, jirrizulta li meta saret t-talba ghar-rogatorji fil-kors tal-kumpilazzjoni, ir-rikorrent kien certament konsapevoli mill-ittri rogatorji kif jirrizulta carament mill-verbali tas-seduti.

4. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza, l-ittri rogatorji saru kollha skont il-ligi *a tenur* tal-Artikolu 399 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bid-drittijiet dovuti lir-rikorrent moghtija lilu fil-intier taghhom. Ir-rikorrent f'kull stadju tal-proceduri kriminali inghata d-dritt li jhejji l-kontro-ezamijiet necessarji ghall-kull xhud migjub kontra tieghu waqt l-proceduri inkluz ovvjament dawk tal-ittri rogatorji. Jekk naqas milli jaghmel dan kien biss minhabba nuqqas tieghu.

5. Illi fil-fatt skont il-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja jirrizulta li

b'ottemperanza ma' l-artikolu 399 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrenti inghata d-dritt li jkun prezenti waqt is-smigh tax-xhieda permezz tar-rogatorji u inghata d-dritt li jipprepara kontro ezamijiet necessarji sabiex jirribatti l-argumenti migjuba mix-xhieda tal prosekuzzjoni.

6. Illi l-esponent jigi issa biex jindirizza l-ilment dwar l-artikolu 646(2) tal-Kap 9. Dan l-artikolu jipprovdi li meta xhud li jkun xehed fl-istadju kumpilatorju u ma jkunx jista wara jixhed *viva voce* fil-guri ghax ikun jew miet, ikun barra minn Malta jew ghax ma jinstabx, f`dak il-kaz d-deposizzjoni moghtija minnu tigi moqrija fil-guri. **Pero`** is-subartikolu (2) tal-artikolu 646 ma jistaghax jigi izolat u separat mil-bqija tal-artikolu 646 li fih b`kollox hdax -il subartikolu. L-artikolu 646 irid jinqara fit-totalita` tieghu u mhux jigi spezzetat kif qed jaghmel ir-rikorrenti b`mod superficjali ghall-ahhar. L-artikolu 646 tal-Kap 9 bl-ebda mod ma jikser l-jedd ghal-smigh xieraq tar-rikorrenti.

   Dan l-artikolu jistabilixxi diversi regoli bl-ewwel wahda tkun li *x-xhieda għandhom* <u>*dejjem*</u> *jiġu eżaminati fil-qorti u vivavoce.* Is-subartikolu 2 jidhol biss bhala eccezzjoni ghal din ir-regola. Mhux hekk biss izda l-partijiet jistghu jitolbu lil Qorti ai termini tas-subartikolu (10) sabiex *jiġi deċiż mill-Qorti, qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża, jekk ix-xiehda ta' xi xhud għandhiex tiġi ammessa, kif jingħad fis-subartikolu (2)* u ma dak hemm ukoll is-subartikolu (11). Mela allura d-decizjoni dwar jekk dik ix-xhieda li ma tkunx tista tinstema viva voce tispetta dejjem lill-Qorti Kriminali. Fl-ahhar mill-ahhar, hija l-Qorti li qed tisma l-process li trid taccerta ruhha li d-drittijiet tal-akkuzat qua rikorrenti huma imharsa u mhux mittiefsa jekk xhieda tigi ammessa bhala

prova minghajr ma jkun hemm kontroll taghha. Dan huwa importanti ghaliex fil-kawza odjerna jidher li r-rikorrent qieghed jirrikonoxxi li x-xhieda tac-Cinizi li ittiehdet f-l-inkjesta hija valida u ammissibbli bhala prova bl-uniku ilment ikun li jrid li dawn jinstemghu *viva voce* fil-guri. Proprju peress li l-Qorti Kriminali ghandha diskrezzjoni sabiex tqis ic-cirkostanzi tal-kaz inkluz naturalment id-drittijiet tad-difiza, dan ma jrendiex anti-kostituzzjonali l-artikolu 646 tal-Kap 9.

7. Is-smigħ xieraq jiddependi mill-iter proċesswali adoperat fil-kuntest ta' persuna li tkun għaddejja minn proċeduri kriminali. Ma kien hemm xejn fil-proċedura s`issa li jista jwassal għal leżjoni tad-dritt tas-smigh xieraq tar-rikorrenti kif kontemplat fl-artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Gunju, 2021 ir-rikorrenti talab li mal-atti odjerni jigu annessi l-atti processwali fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta kontra Osama Ebeid (9/2018)** u din il-Qorti laqghet it-talba.

Rat li l-atti msemmija annessi mar-rikors odjern.

Rat in-nota ta' Replika da parti tar-rikorrenti Osama Ebeid datata 23 ta' Gunju, 2021 fejn saret insistenza mir-rikorrent illi r-rikors odjern huwa msejjes fuq allegat ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mhux fuq il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat illi fil-verbal datat 15 ta' Lulju 2021 il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa, inghataw termini ghas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet u r-rikors gie differit ghat-trattazzjoni.

Rat is-sottomissjonjiet tal-partijiet esebiti fl-atti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat li fil-verbal tad-9 ta' Dicembru, 2021 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Illi minn qari tal-atti kollha jirrizulta lil din il-Qorti li fit-talba tar-rikorrenti sehh zball tal-pinna (jew ahjar fit-'typing') fejn gie elenkat l-artikolu 35 flok l-artikolu 39. Fil-fatt l-Avukat tal-Istat intimat ma qajjem l-ebda eccezzjoni dwar dan u fir-risposta tieghu johrog car li huwa fehem li t-talba kienet fil-konfront ta' allegat ksur tal-artikolu 39 (d) (6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din il-Qorti ghalhekk ghall-ekonomija tal-gudizzju, fl-ahjar interess tal-gustizzja u sabiex jigu evitati malintizi odjuzi u li jistghu jservu biss li dan il-process jitwal ulterjoment qieghda permezz ta' din id-decizjoni tordna l-korrezzjoni tal-artikolu indikat fit-talba tar-rikorrent billi tordna li n-numru 35 ghandu jigi kkancellat u floku jitnizzel in-numru 39.

Rat it-talba tar-rikorrent kif korretta.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kaz odjern jikkoncerna lment kostitutuzzjonali da parti tar-rikorrent li jsostni li fil-proceduri kriminali fil-konfront tieghu hemm il-possibilita' li ssir applikazzjoni tal-artikolu 646 (2) tal-Kap. 9 (Kodici Kriminali) u dan allegatament bi ksur tal-artikolu 39 (6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrent isostni li d-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti Kriminali li fejn xhud ma jkunx jista' jitressaq ghal xi ragunijiet partikolari allura tkun il-Qorti li tiddeciedi jekk ix-xhieda li tkun gia ngabret (f'dan il-kaz ittri rogatorji), ghandhiex tithalla formanti parti mill-atti u tikkonsistitwixxi prova kontra rikorrent, bhala bi ksur tal-artikolu 39 (6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrent izid li dan l-artikolu ma jiprovdi ghal ebda eccezzjoni ghad-dritt tal-kontro-ezami sancita fl-istess. Ir-rikorrent jemfasizza li l-ilment tieghu mhux qed isir abbazi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (liema artikolu fil-fatt jipprovdi eccezzjonijiet) izda huwa biss limitat ghall-artikolu 39 (6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fil-fatt fit-talba tieghu r-rikorrent jitlob li din il-Qorti tiddikjara li s-sub-artiklu (2) tal-Artiklu 646 fl-ewwel proviso tiegħu fil-parti fejn jibda bil-kliem, "ħlief jekk" sa l-kliem "jinsab u" jivvjolaw il-Kostituzzjoni ta' Malta (u mhux il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem) fl-Artiklu 39 (6) (d)."

Illi l-Avukat tal-Istat intimat jeccepixxi preliminarjament l-intempestivita' tal-proceduri odjerni ghar-raguni li l-process kriminali ghadu ghaddej, illi dawn il-proceduri huma biss tentattiv iehor ta' appell da parti tar-rikorrenti, illi r-rikorrent qua imputat/akkuzat inghata d-dritt li jipprepara u jkun prezenti ghall-kontro ezami, li l-artikolu 646 tal-Kap 9 (tal-Ligijiet ta' Malta) ghandu jinqara u jittiehed b'mod shih u mhux biss is-sub-artikolu (2) sabiex jigi maghrbul il-kostituzzjonalita' o meno tieghu u li sal-lum ma kien hemm xejn li jikser id-drittijiet

kostituzzjonali tar-rikorrent fil-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

**Fatti:**

Illi l-fatti fil-kaz odjern huma li matul inkjesta Magisterjali, li wasslet ghall-arrest tar-rikorrent u l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu, saret talba ghall-ittri rogatorji mill-awtoritajiet Maltin lil dawk Taljani sabiex jinstemghu xi xhieda ta' nazzjonalita' ciniza. Jirrizulta nkontestat bejn il-partijiet li dak iz-zmien, l-illum mibki Magistrat Dr. Apap Bologna, kien tela' gewwa l-Italja u bhala parti mill-inkjesta magisterjali nstemghu dawn ix-xhieda fil-presenza tieghu. Jirrizulta li din ix-xiehda giet migbura qabel ma r-rikorrenti odjern gie formalment mixli bir-reat in kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Matul is-smigh tal-istruttorja u cioe' fil-mument li r-rikorrent odjern gia kien jinsab imputat, saret talba ohra ghall-ittri rogatorji mill-awtoritajiet Maltin lil dawk Taljani.

Mill-verbal tal-10 ta' Settembru, 2007 fl-atti tal-istruttorja, jirrizulta lil din il-Qorti li f'dak l-istadju r-rikorrent qua imputat qajjem l-oggezzjoni segwenti:

'jiddikjara li l-verbali tax-xhieda li m'humjiex tal-imputat m'humiex ammessibbli bhala prova stante dak li jghid l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 39 (6) fil-proviso tal-Kostituzzjoni.'

Il-Qorti nnotat li f'dik is-seduta nstemghu xi xhieda ta' nazzjonalita' ciniza fl-awla u xehed ukoll l-Ispettur Christopher Pullicino li esebixxa waqt ix-xiehda tieghu diversi stqarrijiet ta'

xhieda ta' Nazzjonalita' ciniza li nghataw fl-Italja. Fl-atti l-Qorti rat ix-xiehda ta' WU Wen Lin a fol. 21 et seq, We Neng Wei a fol. 25 et seq, Zhang Min a fol. 32 et seq, Wei Wei a fol. 38 et seq, Wang Dian Xin a fol. 42 et seq u Chen Fu De a fol. 50 et seq. Rat ukoll li gew esebiti diversi proceduri ta' identifikazzjoni mill-istess xhieda fil-konfront tar-rikorrenti odjern qua imputat u ta' diversi siti fil-gzejjer Maltin.

Il-Qorti rat mill-atti tal-process verbal partikolarment minn fol. 180 tal-process kriminali li fit-12 ta' Mejju, 2005 il-Magistrat inkwerenti kien gie nfurmat li fl-Italja kienu jinsabu detenuti sitt persuni ta' nazzjonalita' ciniza u li dawn possibilment kienu ser jinghataw id-dritt ta' soggorn fl-Italja bil-kundizzjoni li ma jitilqux mill-pajjiz.

Rat a fol. 329 et seq l-atti tal-ewwel sett ta' rogatorji li jgibu d-data tas-6 ta' Gunju, 2005 u wkoll dawk datati 18 ta' Mejju, 2005 fl-atti tal-inkjesta.

Rat a fol. 590 tal-process in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 30 ta' Novembru, 2007 li permezz taghha ntalab li tinstema x-xiehda ta' sitt persuni ta' nazzjonalita Ciniza (isimhom gia indikat aktar il-fuq) permezz tal-procedura tar-rogatorji. Rat ukoll li fil-verbal tal-10 ta' Dicembru 2007 (fol. 589) gie dikjarat kif isegwi:

'Dr. Joe Brincat ghall-imputat jaghti ruhu b'notifikat bl-ittri rogatorji u qieghed minn issa jirriserva li jkun prezenti ghal-kontro-ezami.'

Rat ukoll li fil-verbal tat-28 ta' April, 2008, Dr. Joe Brincat ghar-rikorrent qua imputat rega' rriserva li jkun prezenti ghal kontro-

ezami u li fl-istess verbal il-Qorti tal-Magistrati ordnat li l-ittri rogatorji jintbaghtu ghand l-Awtoritajiet Taljani.

A fol. 698 il-Qorti rat ittra mibghuta mill-Assistent Registratur lill-Avukat Generali fejn gie emfasizzat kif isegwi:

'Please note that defence lawyer Dr. Joe Brincat has declared that he is reserving the right to be present during the cross-examination of witnesses and hence he has to be informed well beforehand of the date, time and place where the cross-examination is going to take place.'

Gie indikat ukoll fejn jista jsir kuntatt mal-Avukat Brincat.

Rat li fil-verbal tad-19 ta' Awissu, 2010 gew inseriti l-ittri rogatorji fl-atti (fol. 742). F'din is-seduta ma kienx prezenti l-Avukat Brincat.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-8 ta' Novembru, 2010 l-Avukat Brincat ghan-nom tal-imputat ma ghamel l-ebda referenza ghall-fatt li kienu ddahhlu fl-atti t-tieni sett ta' rogatorji minghajr ma sarilhom il-kontro-ezami u lanqas saret referenza ulterjuri fil-mori tal-pendenza tal-istruttorja.

Rat it-traduzzjoni tar-rogatorji a fol. 1029 et seq tal-process.

Rat l-att tal-akkuza datata 5 ta' Gunju, 2018;

Rat in-nota tal-Avukat Brincat ghan-nom tar-rikorrent odjern li permess taghha eccepixxa li jrid li jinstemghu viva voce x-xhieda kollha ta' nazzjonalita' Ciniza msemmija fin-nota tax-xhieda tal-

avukat generali (fol. 8 tal-atti tal-Qorti Kriminali). Rat li quddiem il-Qorti Kriminali din l-eccezzjoni giet trattata.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kriminali datata l-1 ta' Settembru 2020 fejn gie deciz kif isegwi:

'51. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzat stante li infondata fil-fatt u fid-dritt filwaqt li tilqa' in parti l-ewwel eccezzjoni tal-appellant billi minkejja li tqis biss il-parti mix-xiehda tax-xhieda ta' nazzjonalita cinizi WANG Dianxing (a fol 908 u 909) u WU NENGWEI (a fol 911 u 912) tal-10 t'Ottubru 2009 relattivament ghal dak li gew mistoqsija *sotto giuamento le dichiarazioni che lei ha rilazicato il 12 maggio 2005 al Commissariato di Polizia di Stato di Modica, delle qali ha appena avuto integrale lettura* u li ghall-kontenut ta' liema z-zewg xhieda wiegbu fl-affermettiv jissodisfaw il-minimum rikjest mill-Ligi biex jitqisu bhala dikjarazzjoni solenni u b'hekk ammissibbli bi prova matul il-kors tal-guri, tqis li dan il-fatt ma jezentax lill-Prosekuzzjoni milli qabel xejn iresqu x-xiehda tax-xhieda ta' nazzjonalita ciniza aktar il-fuq imsemmija skont dak imsemmi fl-artikolu 646 (1) tal-Kodici Kriminali; izda jekk aktar il-quddiem,qabel ma jinstema' l-guri hija, tigi adita ai termini tal-artikolu 461 (2) jew 646 (1) (10) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti f'dan l-istadju tiddeciedi jekk u safejn ikun jista' jitqies li jkun hemm impossibilita, diffikulta gravi oggettiva jew diffikulta gravi soggettiva f'dan il-kaz li jkunu jimmeritaw il-mizuri msemmija fl-artikolu 646 (2) (9) tal-Kodici Kriminali.'

Rat ukoll is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datata 27 ta' Jannar, 2021 fejn fil-parti l-aktar rilevanti taghha gie deciz kif isegwi:

'Ikkunsidrat:
7. Illi l-aggravju uniku ventilat mill-appellant huwa marbut ma' dik il-parti tas-sentenza appellata li tikkonċerna l-ewwel eċċezzjoni mqanqla minnu fejn huwa insista li x-xiehda tal-allegati vittmi għandha tinstema' mill-qorti viva voce matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux billi tinqara lil ġurati d-deposizzjoni mogħtija minnhom permezz tal-ittri rogatorji fi stadju kumpilatorju, u dan billi l-Avukat Ġenerali jinvoka l-proċedura imfassla fl-artikolu 646(2) u (10) tal-Kodiċi Kriminali.

8. Issa l-Ewwel Qorti daħħlet biex tqies fid-deċiżjoni tagħha jekk ix-xiehda mogħtija quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani mit-tlett persuni ta' nazzjonalità ċiniża, li allegatament ġew ittraffikati mill-appellant, kenitx prova ammissibbli u dan fuq il-premessa illi dawn ma kenux xehdu quddiem il-qorti istruttorja viva voce iżda permezz tal-proċedura tar-rogatorji u daħħlet biex anke eżaminat funditus jekk din il-prova kellhiex titqies bħala waħda valida skont illiġi billi x-xhieda ma kkonfermawx bil-ġurament jew b'dikjarazzjoni solenni dak minnhom mistqarr, u dan kif hemm maħsub fl-artikolu 631 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi qabel kull konsiderazzjoni fir-rigward tal-mertu tal-appell, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi s-smigħ tal-provi permezz ta' ittri rogatorjali issir bis-saħħa tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali (European Convention on Mutual Assistance in Criminal Matters) tal-1959 ratifikata minn Malta fit-03 ta' Marzu 1994 u li ġiet fis-sehh fl-01 ta' Gunju 1994.

Fl-artikolu 3(1) u (2) tal-Konvenzjoni hemm hekk dispost:

> The requested Party shall execute in the manner provided for by its law any letters rogatory relating to a criminal matter and addressed to it by the judicial authorities of the requesting Party for the purpose of procuring evidence or transmitting articles to be produced in evidence, records or documents.
>
> If the requesting Party desires witnesses or experts to give evidence on oath, it shall expressly so request, and the requested Party shall comply with the request if the law of its country does not prohibit it.'

Illi fl-Explanatory Report mahrug in konnessjoni mal-Konvenzjoni jigi spjegat hekk:

> According to paragraph 2, experts and witnesses may give evidence on oath only if the law of the requested Party does not prohibit it. Under this provision, the requested Party may hear evidence given on oath even if, as a general rule, there is no provision in its judicial practice for the taking of an oath, provided that this is not contrary to its law. It was also agreed that the oath would be administered in accordance with the rules of the requested Party.

Dan ifisser allura illi t-talba għas-smigħ bil-ġurament tax-xhieda għandha issir kemm-il darba l-pajjiż rikjedenti iressaq talba ad hoc f'dan is-sens u kemm-il darba il-liġi tal-pajjiż li ser jisma' dik ix-xhieda ma tipprojbiex li dan isir. Dan għaliex il-ġbir tal-provi b'din il-proċedura issir dejjem skont il-liġi viġenti fil-pajjiż rikjest u mhux dak rikjedenti, għalkemm bl-introduzzjoni tal-artikolu 8 bil-Protokol tal-2001 il-pajjiz rikjest għandu kemm jista' jkun jara

li dawk il-proċeduri mitluba mill-pajjiż rikjedenti jiġu segwiti. Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, għalhekk u ġaladarba tali oġġezzjoni ma kenitx qed titressaq mid-difiża, l-Ewwel Qorti ma setatx tgħaddi biex tiddikjara ebda prova inammissibbli minħabba l-motiv uniku illi ma ġiex somministrat il-ġurament lix-xhieda. Madanakollu billi ma hemm ebda aggravju f'dan is-sens mill-Avukat Ġenerali, din il-Qorti ma tistax tgħaddi għal reviżjoni ta' din il-parti tas-sentenza appellata.

9. Illi sorvolata din l-osservazzjoni preliminari, il-Qorti tistqarr illi tinsab kemmxejn perplessa illi l-appellant għoġbu jappella mid-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti li del resto laqgħet, allavolja parzjalment, l-eċċezzjoni (jekk wieħed jista' isejħilha hekk) minnu ntentata. Illi fil-fatt mill-mod kif ġiet redatta din l-eċċezzjoni mill-appellant, ma jidhirx illi l-valur probatorju ta' din il-prova kienet qed tiġi attakkata bl-appellant jeċċepixxi testwalment hekk:

> "Li permezz tagħha (u ċioe' tan-nota minnu ppreżentata) jindika li jrid li jinstemgħu viva voce x-xhieda kollha ta' nazzjonalità ċiniża imsemmija fin-nota tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali."

Biex b'hekk l-appellant ma kienx qiegħed jindika illi dik ix-xiehda li kienet tinsab fil-kumpilazzjoni kellha titwarrab, iżda insista illi kellu jkollu d-dritt li jeżerċita kontroll fuq dik ix-xiehda, kontroll li jilmenta li sa dakinhar huwa ġie prekluż milli jeżerċita. Fil-fatt għal diversi drabi jinvoka favur tiegħu l-applikazzjoni ta' l-artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt kostituzzjonali tiegħu li "jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-

attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni."

10. Dan il-jedd kostituzzjonali jinsab mħares anke fid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali meta fl-artikolu 646(1) hemm dispost illi x-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce, bl-enfasi, kif tajjeb tistqarr l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tkun fuq il-kelma "dejjem", bis-subartikolu 2, imbagħad iqies illi x-xiehda meħuda waqt il-kumpilazzjoni għandha tittieħed ukoll bħala prova basta "li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1)."

11. Din ir-regola ssib eċċezzjoni biss jekk, "meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8)", liema ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ukoll daħħlet biex teżamina funditus.

12. Premess dan allura għalkemm "… bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat", madanakollu meta dik il-persuna ma tkunx tista' hekk tinġieb dak li għandha tħares il-Qorti, kif ġustament jisħaq l-appellant, huwa illi tara li l-jeddijiet tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq jibqgħu mhux mittiefsa meta tiddeċiedi illi d-depożizzjoni tax-xhieda hekk mogħtija għandha tiġi ammessa bħala prova mingħajr ma jkun jista' isir dak il-kontroll kif imfisser.

13. F’dan is-sens ukoll esprimiet ruħha l-Q.E.D.B. ta` Strasbourg fis-sentenza li tat fl-20 ta` Novembru 1989 fil-każ ta` Kostovski v. Netherlands meta qalet hekk :

> In principle, all the evidence must be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. This does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings”

14. Ingħad ukoll mill-istess Qorti f’deċizjoni oħra konsimili :

> In itself, the reading out of statements in this way cannot be regarded as being inconsistent with Article 6 §§ 1 and 3 (d) (art. 6-1, art. 6-3-d) of the Convention, but the use made of them as evidence must nevertheless comply with the rights of the defence, which it is the object and purpose of Article 6 (art. 6) to protect. This is especially so where the person "charged with a criminal offence", who has the right under Article 6 § 3 (d) (art. 6-3-d) to "examine or have examined" witnesses against him,

> has not had an opportunity at any stage in the earlier proceedings to question the persons whose statements are read out at the hearing. (sottolinjar tal-Qorti)

15. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa evidenti illi f'dan l-istadju tal-proċeduri dak reklamat mill-appellant huwa li d-drittijiet kostituzzjonali tiegħu jigu mħarsa u dan billi huwa jingħata l-jedd jikkontrolla dak mistqarr minn dawn ix-xhieda ta' nazzjonalita Ċiniza li huma xhieda determinanti f'dawn il-proċeduri u li jimplikawh fil-kummissjoni tar-reat lilu addebitat Dan immaterjalment jekk dawk id-dikjarazzjonijiet itteħdux fil-kors tal-in genere jew ġewx miġbura quddiem l-Istruttur permezz tal-proċedura tar-rogatorji, ġaladarba dawn jikkostitwixxu it-tnejn prova valida skont il-liġi fit-termini ta' lartikoli 500(1) u 646(2) tal-Kodiċi Kriminali, basta li d-difiza tkun tista teżerċita kontroll fuq l-istess.

16. Illi allura għalkemm l-appellant jirreklama dan id-dritt f'forma ta'eċċezzjoni preliminari, madanakollu dak minnu eċċepiet ma jinkwadrax ruħu f'waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 438(2)(i) jew 449 tal-Kodiċi Kriminali, iżda qiegħed biss jinsisti illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni għandha tinstema' viva voce fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux bil-mod kif maħsub fl-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali. Fl-ebda ħin ma jeċċepixxi l-inammissibilita' tal-prova li saret fl-ewwel lok fl-inkjesta maġisterjali meta lInkwirenti erħilha lejn Sqallija fejn kienu residenti dawn ix-xhieda sabiex jassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji taljani fil-ġbir ta'l-istess. Kif lanqas jidher li qed jikkontesta l-ammissibilita' tal-prova magħmula permezz tal-ittri rogatorji quddiem il-qorti istruttorja. Qiegħed jisħaq biss illi ġaladarba huwa għadu ma eżerċita ebda forma ta' kontroll fuq

dak mistqarr minn dawn ix-xhieda, billi la kien preżenti meta l-istess ġew meħuda u lanqas għalhekk seta' jsirilhom il-kontro-eżami, allura dawn għandhom jinġiebu mill-Prosekuzzjoni biex jixhdu fil-qorti viva voce u għalhekk joġġezzjona illi l-prosekuzzjoni tfittex biex tagħmel din il-prova sempliċiment bil-produzzjoni tax-xiehda traskritta mill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani u li jifformaw parti mill-proċess. Dan magħdud il-Prosekuzzjoni u anke id-difiża ma hijiex prekluża imbagħad, jekk dawn ix-xhieda jinġiebu biex jixhdu fil-kors tal-ġuri, illi jużaw id-dikjarazzjonijiet minnhom magħmula quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani ai fini ta' kontroll u ċioe' sabiex jiġi mistħarreġ il-kredibbilita' ta' dawn ix-xhieda u l-konsistenza ta' dak minnhom mistqarr.

17. Dan l-eżerċizzju, madanakollu, għandu jsir mill-Qorti Kriminali kif imfisser fis-subartikolu 10 u 11 tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi u allura biss wara talba potenzjali mill-Avukat Ġenerali "qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża, jekk ix-xiehda ta' xi xhud għandhiex tiġi ammessa, kif jingħad fis-subartikolu (2) talimsemmija dispożizzjoni tal-liġi".

18. Illi allura ma kienx mitlub mill-Ewwel Qorti illi f'dan l-istadju tiddeċiedi jekk tali prova magħmula fl-istadju kumpilatorju mill-prosekuzzjoni kenitx waħda ammissibbli o meno, jew jekk tali prova ġietx magħmula skont il-liġi, billi ma kienx dak li kien qed jitlob l-appellant lil Qorti biex tiddeċiedi. Fil-fatt l-appellant stess jikkontendi fir-rikors tal-appell tiegħu, illi qatt ma kkontesta l-fatt illi x-xiehda ittieħdet mingħajr ġurament, kwistjoni li daħħlet fiha l-Ewwel Qorti b'mod gratwit, meta ma kenitx imsejjħa tindaga l-validità tal-prova minn din lottika. Kif lanqas ma kienet imsejjha l-Ewwel Qorti biex twarrab il-prova magħmula fl-istadju kumpilatorju tax-xiehda tal-allegati vittmi mehuda

kemm permezz tal-ittri rogatorji kif ukoll permezz tax-xiehda miġbura fil-process verbal.

19. Illi għalhekk l-Qorti hija tal-fehma illi t-talba magħmula mill-appellant fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu saret b'mod prematur u dan għaliex l-Avukat Ġenerali ma kien ressaq ebda talba sabiex isir dak maħsub fl-artikolu 646, kif ingħad, u allura huwa biss f'dak l-istadju tal-proċeduri, u fl-eventwalita' illi dan iseħħ, illi l-Ewwel Qorti kellha tqies jekk jeżistux iċ-ċirkostanzi ravvizati fis-subartikolu 2 għall-artikolu 646 u mhux qabel. Fil-fatt l-Avukat Ġenerali jindika dawn ix-xhieda fil-Lista tax-Xhieda li bi ħsiebu iressaq fil-ġuri, liema lista hija annessa mal-Att ta'l-Akkuża, u għad ma hemm ebda dikjarazzjoni fl-atti mill-istess Avukat Ġenerali li ser jitlob li x-xiehda tal-allegati vittmi miġbura filkumpilazzjoni, tinqara lil ġurati minflok jinġiebu jixhdu, għalkemm fissottomissjonijiet tiegħu jindika illi għandu dan il-jedd. Fuq kollox tibqa' dejjem fis-setgħa tal-Qorti tordna li x-xiehda tinstema' permezz tal-proċedura maħsuba fl-artikolu 647A tal-Kodiċi Kriminali kif tajjeb mistqarr mill-Ewwel Qorti.

20. Illi allura fl-eventwalita' li ssir it-talba mill-Avukat Ġenerali fit-termini talartikolu 646(10) tal-Kodiċi Kriminali, imbagħad, għandha tiġi segwita dik il-proċedura indikata mill-Ewwel Qorti fil-parti deċiżorja tas-sentenza appellata b'dan illi għandu jiġi mħares l-ewwel u qabel kollox il-jedd tal-akkużat kif imfassal fl-artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni.

21. Illi dan magħdud, madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-appellant tul il-kumpilazzjoni baqa' kemmxejn inattiv meta l-Prosekuzzjoni talbet sabiex issir il-prova permezz tal-ittri rogatorjali. Dan il-każ ra il-bidu tiegħu lura fis-sena 2005 meta l-pulizija Maltija ġiet infurmata minn dik taljana dwar is-

sejba ta' persuni ta' nazzjonalità ċiniża, uħud ħajjin u oħra mejtin li x'aktarx kienu klandestini, li kienu qed jinġarru minn Malta lejn Sqallija u li setgħu kienu nvoluti persuni Maltin jew residenti ġewwa Malta fit-traffikar ta'l istess. Infetħet inkjesta maġisterjali u mill-atti tal-proċess verbal eżebit fil-kumpilazzjoni, il-Maġistrat Inkwirenti il-kompjant Joseph Apap Bologna kien ġie awtorizzat mill-awtorità ġudizzjarja Taljana sabiex f'Modica jattendi għal seduta li nżammet fil-5 ta' Lulju 2006 preseduta mill-Giudice delle Indagini Preliminari Dottor Michele Palazzolo li fihom instemgħu ħames xhieda ta' nazzjonalità ċiniża. Illi l-proċess verbali, kif ingħad, ġie eżebit fil-kors tal-kumpilazzjoni u għalhekk jifforma parti integrali mill-atti. Ovvjament f'dan l-istadju fejn kienet għadha qed issir l-investigazzjoni dwar l-in genere, l-appellant ma kienx għadu suspettat u lanqas akkużat bir-reat lilu sussegwentement addebitat u kwindi la kien preżenti meta instemgħu dawn ix-xhieda u lanqas allura seta' jeżerċita kontroll fuq l-istess.

22. Illi imbagħad meta fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2007 quddiem il-Qorti Istruttorja saret it-talba għas-smigħ tax-xhieda permezz tal-proċedura tar-rogatorji u meta ġew esibiti l-ittri rogatorji, id-difiża verbalizzat hekk (u dan billi sa dakinharkien għadu ma ġiex fis-sehh is-subartikolu (2) ġdid għall-artikolu 399 tal-Kodiċi Kriminali sostitwit permezz ta'l-Att XXIV tal-2014 li jagħti jedd lid-difiża tressaq it-talba tagħha bil-miktub ghall-ezami ta' xi xhud):

> Dr. Joe Brincat għall-imputat jagħti ruħu b'notifikat bl-ittri rogatorji u qiegħed minn issa jirriserva li jkun preżenti għal kontro-eżami.

Verbal ieħor datat 28 ta' April 20084 imbagħad jindika illi Dr. Joseph Brincat reġa' rriserva li jkun preżenti għal kontroeżami. Fl-ittra li intbagħtet mill-Uffiċċju talAvukat Ġenerali lill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani datata 27 ta' Mejju 2008 jiġi rilevat hekk:

> "It should be noted that defence counsel is requesting to be present for the execution of the said letter of request."

Illi finalment permezz ta' verbal iehor tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2010 jirrizulta illi:

> Dr. Joe Brincat jirrileva illi r-rogatorji ilhom żmien raġonevoli biex jaslu. Stante dan id-dewmien l-esponenti qed jitlob lill-qorti tapplika l-gwida li tat il-qorti kostituzzjonali fis-sentenza Sullivan vs Avukat Ġenerali u timponi terminu finali għal dawn ir-rogatorji. Altrimenti din il-prova tiġi eskluża u dan billi ilhom pendenti mit-2007.

Għalkemm ma jidhirx mill-atti tal-kumpilazzjoni illi l-akkużat ġie notifikat mill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani jew Maltin bis-smigħ tax-xhieda u lanqas kien preżenti meta dawn ġew mismugħa, madanakollu anke wara li dawn ġew ippreżentati sakemm inħarġet l-Att ta' l-Akkuża mill-Avukat Ġenerali, l-appellant ma ressaq ebda talba sabiex isir l-kontro-eżami ta' dawn ix-xiehda, kif kellu kull jedd li jagħmel bis-saħħa tal-artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, sabiex b'hekk issa fi stadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri qiegħed iressaq oġġezzjoni fl-eventwalita' illi l-Avukat Ġenerali jippreżenta talba fit-termini tal-artikolu 646(10) tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk f'talba lilha magħmula dwar ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tal-persuna

akkużata li ma ġietx notifikata bis-smigħ tax-xhieda barra minn Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet Patrick Spiteri v. L-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ġie deċiż illi ma kienet seħħet ebda vjolazzjoni taħt l-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni jew l-artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni u dan ghaliex:

> "68. L-attur kien jaf li saret il-proċedura tal-ittri rogatorji minkejja li ma kienx avżat bid-data tas-seduta meta nstemgħu x-xhieda. L-attur kien ukoll preżenti meta ġew preżentati d-dokumenti li l-Avukat Ġenerali irċieva minn barra minn Malta bi tweġiba. Hawn ukoll ma saret l-ebda oġġezzjoni mill-attur għal fatt li ma kienx avżat meta kellhom jinġabru dawk il-provi. ... Jekk l-attur verament ried li jattendi jew ried li ħaddieħor jattendi minfloku, li minnufih jattira l-attenzjoni tal-Qorti li ma kienx irċieva avviż dwar dak li sar fil-proċedura tar-rogatorji
>
> 72. Il-Qorti pero` tosserva kif il-Prosekuzzjoni ma ħaditx xi vantaġġ fuq l-attur, meta tikkonsidra li lanqas hi ma kienet preżenti. Dan apparti li kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, l-attur xorta għad għandu l-opportunita` tal-kontro-eżami."

Illi finalment ma jistax ma jigix rilevat illi minn qari ta' l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni surriferita jirrizulta illi:

> (1) On the express request of the requesting Party the requested Party shall state the date and place of execution of the letters rogatory. Officials and interested persons may be present if the requested Party consents.

(2) Requests for the presence of such officials or interested persons should not be refused where that presence is likely to render the execution of the request for assistance more responsive to the needs of the requesting Party and, therefore, likely to avoid the need for supplementary requests for assistance.

Illi fl-Explanatory report għall-Konvenzjoni jingħad hekk:

"The object of this clause is to enable the authorities of the requesting Party or the interested persons, if they expressly so request, to be present at the execution of letters rogatory if the requested Party agrees to this course.

It is understood that consent may be given only if the law of the requested Party does not prohibit it. It was also agreed that where this "express request" is not contained in the letters rogatory it should be transmitted by the channels laid down for such letters.

The Italian expert said during the elaboration of the Convention that under Italian law the interested persons could not be present at the execution of letters rogatory because judicial enquiries were secret. Only the foreign authorities could be allowed to attend."

Dan ifisser allura illi l-persuna akkużata tiġi infurmata bid-data tal-eżami tax-xhieda u tiġi awtorizzata tkun preżenti biss jekk l-pajjiż rikjest hekk jidhirlu u dan għalkemm issir talba ad hoc mill-pajjiż rikjedenti, kif gara f'dan il-każ, biex b'hekk ma jistax jingħad illi din ix-xhieda tilfet il-valur probatorju tagħha, għaliex saret skond il-liġi.

23. Dan ma għandux ifisser, madanakollu, illi l-Prosekuzzjoni m'għandhiex tara illi x-xhieda jiġu rintraċċati u jinġiebu fil-qorti biex jixhdu viva voce. U jekk jiġu rintraċċati u ma jistgħux jinġiebu Malta, x-xiehda tagħhom għandha tinstema' bil-proċedura imfassal fl-artikolu 647A tal-Kodiċi Kriminali, biex b'hekk l-akkużat ikollu jedd jikkontrolla dik ix-xiehda, haġa li sa issa jidher li għadha ma seħħietx.

24. Magħdud dan madanakollu jidher illi l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellant għalkemm b'mod parzjali. Tatu raġun meta insista li x-xhieda għandhom jinstemgħu fil-qorti bil-miftuħ. Irriservat madanakollu l-pożizzjoni tagħha fl-eventwalita' li l-Avukat Ġenerali iressaq it-talba fit-termini ta'l-artikolu 646(10) tal-Kodici Kriminali meta imbagħad għandha tqies f'dak l-istadju jekk jikkonkorrux iċ-ċirkostanzi ravviżati fis-subartikolu 2 li allura iġibu magħhom l-eċċezzjoni li titkellem dwarha il-liġi għar-regola imfassla fis-subinċiz 1. Fuq kollox:

> 101. The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, inter alia, Taxquet v.Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010, with further references). In making this assessment, the Court will look at the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, having regard to the rights of the defence but also to the interest of the public and the victims in seeing crime properly prosecuted (see Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, §§ 163 and 175, ECHR 2010) and, where necessary, to the rights of witnesses (see Al-Khawaja and Tahery, cited above, § 118, with further references, and Hümmer, cited above, § 37)

107. According to the principles developed in Al-Khawaja and Tahery, it is necessary to examine in three steps the compatibility with Article 6 §§ 1 and 3 (d) of the Convention of proceedings in which statements made by a witness who had not been present and questioned at the trial were used as evidence (ibid., § 152). The Court must examine

(i) whether there was a good reason for the non-attendance of the witness and, consequently, for the admission of the absent witness's untested statements as evidence (ibid., §§ 119-25);
(ii) whether the evidence of the absent witness was the sole or decisive basis for the defendant's conviction (ibid., §§ 119 and 126-47);
and
(iii) whether there were sufficient counterbalancing factors, including strong procedural safeguards, to compensate for the handicaps caused to the defence as a result of the admission of the untested evidence and to ensure that the trial, judged as a whole, was fair.

25. Imbagħad b'rilevanza partikolari għal każ in diżamina:

120. In cases concerning a witness's absence owing to unreachability, the Court requires the trial court to have made all reasonable efforts to secure the witness's attendance (see Gabrielyan v. Armenia, no. 8088/05, § 78, 10 April 2012; Tseber v. the Czech Republic, no. 46203/08, § 48, 22 November 2012; and Kostecki v. Poland, no. 14932/09, §§ 65-66, 4 June 2013). The fact that the domestic courts were unable to locate the witness concerned or the fact that a

witness was absent from the country in which the proceedings were conducted was found not to be sufficient in itself to satisfy the requirements of Article 6 § 3 (d), which requires the Contracting States to take positive steps to enable the accused to examine or have examined witnesses against him (see Gabrielyan, cited above, § 81; Tseber, cited above, § 48; and Lučić v. Croatia, no. 5699/11, § 79, 27 February 2014). Such measures form part of the diligence which the Contracting States have to exercise in order to ensure that the rights guaranteed by Article 6 are enjoyed in an effective manner
(see Gabrielyan, cited above, § 81, with further references). Otherwise, the witness's absence is imputable to the domestic authorities (see Tseber, cited above, § 48, and Lučić, cited above, § 79)8.

26. Illi allura magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet jidher illi l-Ewwel Qorti, għalkemm daħħlet biex tqies l-ammissibilita' tal-provi meta dan ma kienx mitlub minnha, imxiet b'mod għaqli fid-deċiżjoni finali tagħha billi ma jistax jiġi stabbilit a priori jekk l-ilment tal-appellant jistħoqqlux akkoljiment fl-intier tiegħu, ilment unikament imsejjes mhux fuq il-valur probatorju tal-evidenza iżda fuq potenzjali leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, u dan kif minnu indikat fit-talba magħmula għal reviżjoni quddiem din il-Qorti.

27. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata.'

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi l-artikolu 39 (Disposizzjonijiet biex tiġi żgurata protezzjoni tal-liġi) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-parti rilevanti għall-ilment kostituzzjonali odjern fis-sub-artikolu 6 dwar id-drittijiet tal-imputat/akkuzat jaqra kif isegwi:

(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni.'

Min-naha l-ohra l-artikolu 646 tal-Kap. 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'6. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce.

Eċċezzjonijiet.

(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:

Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva-voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8):

Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri m'għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva-voce.

(3) Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jinġiebu bħala prova, kemm-il darba jsiru minn xi ħadd li jkun qiegħed imut u jkun jaf li hu wasal għall-mewt, minbarra meta d-dikjarant ikun sejjer imut taħt sentenza mogħtija b'liġi.

(4) Il-proċessi verbali jistgħu jinġiebu bħala prova bħal ma jingħad fl-artikolu 550.

(5) Ix-xiehda ta' kappillan jew ta' saċerdot ieħor li jagħmel floku jew ta' kull xħud ieħor li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni, dwar l-awtentiċità tal-atti jew tar-reġistri parrokkjali magħmulin jew miżmumin minn l-istess kappillan jew saċerdot u li għandhom x'jaqsmu ma' twelid, żwieġ jew mewt, jew dwar l-awtentiċità ta' kopji ta' dawn l-atti jew reġistri, jew ta' estratti minnhom, inkella dwar il-fatt li l-akkużat huwa l-persuna msemmija f'dawk l-atti, reġistri, kopji jew estratti, jistgħu wkoll jinġiebu bħala prova.

(6) Ix-xiehda tan-nutari ta' Malta jew ta' xhieda oħra mismugħin matul il-kompilazzjoni dwar l-awtentiċità tal-atti jew tar-reġistri magħmulin jew miżmumin mill-istess nutari, jew dwar l-awtentiċità ta' kopji ta' dawn l-atti jew reġistri jew estratti minnhom, inkella dwar il-fatt li l-akkużat huwa l-persuna msemmija f'dawk l-atti, reġistri, kopji jew estratti, jistgħu wkoll jinġiebu bħala prova.

(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ċertifikat li jkun jidher li ġie maħruġ minn tabib reġistrat

jew kirurgu dentali reġistrat dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja jew mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, jista' jinġieb bħala prova u, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, għandu jkun prova tal-kontenut tiegħu, basta li ċ-ċertifikat ikollu ttimbru li jinqara ċar tat-tabib jew kirurgu dentali li joħroġ dak iċċertifikat li jkun juri ismu, il-kwalifiki professjonali tiegħu, lispeċjalizzazzjoni tiegħu u l-indirizz tiegħu u basta dak iċ-ċertifikat ikun konfermat b'affidavit mit-tabib jew mill-kirurgu dentali, skont il-każ: iżda wkoll, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jġibu lillimsemmi tabib jew lill-imsemmi kirurgu dentali, skont il-każ, biex jiġi eżaminat fil-qorti u viva voce, u l-qorti tista' wkoll ex officio tordna dak l-eżami.

(8) Ix-xiehda ta' tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat annessa ma' proċess verbal, jew ta' tabib jew kirurgu dentali bħal dak li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja sew jekk mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, tista' tinġieb bħala prova mingħajr ilħtieġa li l-imsemmi tabib jew kirurgu dentali jinġieb fil-qorti kif provdut fil-proviso tas-subartikolu (2):

iżda, ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jitolbu, jew il-qorti tista' ex officio tordna, li dak ix-xhud jerġa' jiġi eżaminat fil-qorti u viva voce.

(9) Il-validità tal-atti hawn fuq imsemmija u l-ammissibbiltà tagħhom ma jistgħux jiġu attakkati minħabba li ma jkunx jidher mill-atti nfishom li ġew magħmula jew irċevuti bil-ġurament jew b'xi solennità oħra meħtieġa mil-liġi, jekk it-teħid ta' dan il-

ġurament jew it-tħaris ta' din is-solennità jiġi ippruvat b'xi mod ieħor.

(10) L-Avukat Ġenerali, kif ukoll l-akkużat, jista' jitlob li jiġi deċiż mill-qorti, qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża, jekk ix-xiehda ta' xi xhud għandhiex tiġi ammessa, kif jingħad fis-subartikolu (2).

(11) Meta jingħad li xi xhud miet, siefer jew ma jkunx jista' jinstab, il-qorti tista' tqis l-allegazzjoni ppruvata bir-rapport maħluf tal-marixxall jew uffiċjal esekutur ieħor illi bih iwettaq li huwa sar jaf żgur li dak ix-xhud hu mejjet jew imsiefer, jew li huwa għamel it-tfittxija li tinħtieġ u ma rnexxilux isibu.'

Illi l-argument tar-rikorrent huwa wiehed pjuttost semplici stante li jsostni li filwaqt li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jipprovdi ghal ebda eccezzjoni ghad-dritt tal-kontro-ezami tax-xhieda da parti tal-imputat/akkuzat, il-Kodici Kriminali b'allegat ksur tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi ghal tali eccezzjonijiet f'certu kazijiet.

Fil-kaz odjern din il-Qorti kkonstatat li fil-proceduri kriminali ingabret diversa xiehda ta' persuni ta' nazzjonalita' ciniza permezz tal-procedura tar-rogatorji. Dawn il-persuni allegatament kienu jikkonsistu f'persuni li ddahhlu b'mod illegali gewwa l-Italja permezz tal-ghajnuna ta' fost ohrajn tar-rikorrent odjern. Waqt ix-xiehda taghhom gewwa l-Italja, quddiem l-awtoritajiet Taljani dawn ix-xhieda ntalbu wkoll jidentifikaw lill-imputat minn 'identification parade' permezz ta' ritratti ta' nies diversi. Jirrizulta li l-proceduri tar-rogatorji ntuzat kemm fil-pendenza tal-inkjesta magisterjali fejn ir-rikorrent ma kienx ghadu gie mputat bir-reat kif ukoll waqt l-istruttorja u

allura fil-mument li r-rikorrent kien prezenti u wkoll rapprezentat minn Avukat.

L-atti kriminali in kwistjoni llum waslu fi stadju li nhareg l-att ta' akkuza u huma pendenti sabiex jinstema' l-kaz permezz ta' guri quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali. Sa mill-bidu tal-istruttorja, l-Avukat tar-rikorrenti mputat ghamilha cara li kien qed jinsisti ghad-dritt tal-kontro-ezami ta' dawn ix-xhieda li nstemghu jew li ser jinstemghu bir-rogatorji. Ghalkemm kien hemm insistenza verbalizzata li l-Avukat tar-rikorrent imputat ried li jkun prezenti meta tingabar ix-xhieda permezz tar-rogatorji fl-istadju tal-istruttorja, mill-atti l-Qorti ma sabet xejn li juri li l-Avukat tar-rikorrenti kien infurmat bil-lok u l-gurnata meta dan kien ser isir u wisq anqas inghata l-opportunita' li jkun prezenti. Irrizulta wkoll li lanqas il-prosekuzzjoni jew rapprezentat taghha ma kienu prezenti ghat-tehid ta' din ix-xiehda.

Din il-Qorti gia rrilevat li wara li ddahhlu t-tieni sett ta' rogatorji fl-atti, r-rikorrent naqas milli jigbed l-attenzjoni li ma kienx inghata l-opportunita' li jkun prezenti ghall-kontro-ezami tax-xhieda in kwistjoni. Fil-fatt din regghet issemmiet biss mir-rikorrenti fi stadju ta' nota wara li nhargu l-artikoli fil-konfront tieghu fil-forma ta' eccezzjoni li hu qed jinsisti li jaghmel il-kontro-ezami viva-voce ta' dan ix-xiehda.

Il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell izda ddecidew li sakemm kien ghad hemm il-possibilita' li dawn ix-xhieda jitressqu u jekk le li jkun hemm l-applikazzjoni tal-eccezzjoni mahsuba fl-artikolu 646 (2) u (9) u cioe' li din ix-xiehda tinqara fin-nuqqas eccezzjonali li dawn ma jkunux jistghu jingiebu.

Ir-rikorrenti jargumenta li l-mera possibilita' li waqt is-smiegh tal-guri tieghu il-Qorti tintalab tiehu din id-decizjoni dwar jekk xiehda ghandhiex tinstema' moqrija flok viva voce, bil-konsegwenza ovvja li ma jkunx jista' jsir il-kontro-ezami ta' dawn ix-xhieda, jivvjola d-dritt kostituzzjonali tieghu taht l-artikolu 39 (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghaliex jenfasizza li dan l-artikolu ma jiprovdi ghal ebda eccezzjoni.

In vista ta kif zvolgew ruhhom l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, r-rikorrent qed jitlob li l-ligi in kwistjoni tigi dikjarata bi ksur tal-kostituzzjoni qabel ma ssehh il-lezjoni u jigu affettwati l-proceduri kriminali kollha. Ir-rikorrent ghal din ir-raguni jsostni li ma hemmx intempestivita' stante li jekk din ma tigix analizzata u deciza f'dan l-istadju, allura, hemm il-possibilita' reali li jigi applikat l-artikolu tal-Kodici Kriminali in kwistjoni fil-konfront tar-rikorrent b'dan li l-kaz tieghu jigi deciz wara li tinstema' xiehda moqrija minghajr il-possibilita' tal-kontro-ezami tax-xhieda partikolari. Ghalhekk ir-rikors odjern qed tittenta li twaqqaf il-lezjoni minn qabel din issir realta.

**Intempestivita:**

Da parti tieghu l-Avukat tal-istat intimat jeccepixxi fl-ewwel lok l-intempestivita tat-talba ghar-raguni nkontestata li l-proceduri fil-kriminal ghadhom pendenti u ghad hemm il-possibilita' li x-xhieda in kwistjoni jittellghu jixhdu viva-voce u wkoll ghaliex isostni li sabiex wiehed jezamina s-smigh xieraq ta' procedura wiehed ghandu janalizza l-process kollu mill-bidu sal-ahhar u mhux biss in parte.

Illi kif gia inghad ir-rikorrent ma ghandu l-ebda oggezzjoni f'kaz li x-xhieda jitressqu jixhdu waqt il-proceduri u ghalhekk ikun

jista′ jsirilhom il-kontro-ezami. Ir-rikorrent joggezzjona biss f′kaz li l-Qorti tintalab tapplika l-eccezzjoni mahsuba fl-artikolu 646 (2) u tiddeciedi li x-xiehda tinstema′ billi tinqara u ghalhekk ma jkunx hemm il-possibilita′ li jsir il-kontro-ezami.

Illi din il-Qorti tqis li fl-ilment odjern ma hix kwistjoni li wiehed janalizza l-procedura shiha kontra l-imputat, izda hija kwistjoni li wiehed jipprevjeni sa minn qabel li l-ligi li r-rikorrenti isostni li tikser il-kostituzzjoni tigi applikata fil-proceduri fil-konfront tieghu *ab inizio*. Jew jekk dik il-parti tal-ligi hija bi ksur tal-kostituzzjoni fi kwalunkwe kaz jew le!

Il-Qorti taqbel mal-argument tar-rikorrent u tqis li din l-eccezzjoni tal-intempestivita` da parti tal-intimat mihiex gustifikata in vista tac-cirkustanzi odjerni u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Appell minn Appell:**

Illi l-Avukat tal-Istat jeccepixxi wkoll li r-rikors odjern huwa biss mera tentattiv ta′ appell iehor mill-appell tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-Qorti ma taqbilx ma′ din l-eccezzjoni ghar-raguni semplici li fil-proceduri kriminali l-Qrati Kriminali mkien ma ntalbu janalizzaw il-validita kostituzzjonali o meno tal-artikolu 646 vis a vis l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta′ Malta izda ntalbu biss japplikaw il-Kodici Kriminali. Ghalkemm saret referenza ghall-artikolu 39 inghad appuntu mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li kwalunkwe decizjoni li l-Qorti Kriminali kellha l-fakulta′ li tiehu din dejjem kellha tittiehed billi jigi mħares l-ewwel u qabel kollox il-jedd tal-akkużat kif imfassal fl-artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din l-eccezzjoni.

**L-ilment kostituzzjonali fil-mertu:**

Illi mis-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet u wkoll mit-trattazzjoni taghhom huwa evidenti lil din il-Qorti li z-zewg partijiet jaqblu li l-ligi fl-artikolu 646 (2) tipprovdi ghal eccezzjoni ghar-regola li xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u viva-voce. Fil-kaz odjern izda r-rikorrenti qed jiprevedi l-possibilita' reali li diversi xhieda li jirrizulta li huma persuni ta' nazzjonalita' ciniza u li sa snin ilu kienu inghataw permess ta' soggorn fl-Italja ma jinstabux biex jaghtu x-xiehda taghhom viva-voce u ghalhekk qed jipprevedi li jkun hemm talba sabiex il-Qorti Kriminali tapplika l-eccezzjoni li tiprovdi ghaliha l-ligi sabiex xhieda li ttiehdet diversi snin ilu fl-Italja, minghajr il-possibilita' li jsir il-kontro-ezami mir-rikorrent f'dak l-istadju, tinqara waqt il-guri u tifforma parti integrali tal-provi kontra tieghu. Jekk jigri hekk allura r-rikorrent qua akkuzat ma jkollux il-possibilita' li jaghmel il-kontro-ezami kif jipprovdi, minghajr ebda eccezzjoni, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Da parti tieghu l-Avukat tal-Istat intimat isostni li fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hemm provdut ghal din l-eccezzjoni u jistrieh ferm fuq l-insenjamenti tal-Qorti Ewropea dwar dan il-punt.

Illi l-Qorti qrat u ezaminat l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tqis li ma hemm l-ebda dubju li dan l-artikolu u ebda artikolu iehor fi hdan il-Kostituzzjoni ta' Malta ma jiprovdi xi eccezzjoni ghad-dritt sancit fl-artikolu 39 (d). Dan is-sub-artikolu jipprovdi li l-imputat/akkuzat ghandu jigi moghti

facilitajiet sabiex jezamina personalment jew permezz tar-rapprezent legali tieghu ix-xhieda msejha mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti. L-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fis-sub-artikolu (2) bla dubju jiprovdi eccezzjoni ghal din ir-regola f'certu cirkustanzi biss. Evidentement din l-eccezzjoni mihiex sancita mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta w'ghalhekk hija in vjolazzjoni tal-istess.

L-Avukat tal-Istat fl-atti jipprova jargumenta li l-imputat kellu l-opportunita' li jaghmel il-kontro-ezamijiet fl-istadju tat-tieni sett ta' rogatorji izda dan ma ghamlux. Mill-atti l-Qorti kkonstatat li ghalkemm ir-rikorrent imputat permezz tal-Avukat tieghu irregistra diversi drabi l-insistenza tal-imputat li l-Avukat tieghu jkun prezenti ghall-kontro-ezami, fil-fatt mkien fl-atti ma rrizulta li l-Avukat tal-imputat inghata l-opportunita' li jaghmel dan. In-nuqqas li l-awtoritajiet jinfurmaw lill-Avukat tal-imputat li ser isiru r-rogatorji sabiex ikun prezenti ma jistax jigi mputat fuq l-istess imputat la darba huwa kemm il-darba rregistra t-talba tieghu li ried ikun prezenti u din sahansitra giet registrata fir-rogatorji. Din il-Qorti tqis li huwa rrilevanti wkoll l-argument li tqajjem fid-decizjoni tal-appell vis a vis l-ilment odjern li almenu lanqas il-prosekuzzjoni ma kienet prezenti sabiex ingabret din ix-xhieda, ghaliex il-punt hu li jekk tigi applikata l-eccezzjoni ghar-regola kif jiprovdi l-artikolu 646 (2) tal-Kodici Kriminali, sa minn dak il-mument, allura r-rikorrenti jinkorri ksur tad-drittijiet fundamentali kostituzzjonali tieghu fit-termini tal-artikolu 39 (6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti wkoll ma tistax tinjora l-fatt li kemm mill-atti kif ukoll mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali rrizulta li dawn ix-xhieda partikolari huma kunsidrati bhala 'xhieda determinanti' ghas-success tal-kaz fil-konfront tar-rikorrent akkuzat u ghalhekk ma tistax taghlaq

ghajnejha u thalli li l-lezjoni tad-dritt issehh u forsi jittiehed provvediment.

Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tirrileva li f'dan l-istadju ghad hemm il-possibilita' li l-prosekuzzjoni tressaq quddiem il-Qorti Kriminali lix-xhieda viva voce u ghalhekk ikun jista' jsir il-kontro-ezami, tqis izda li l-possibilita' li jigi applikat l-artikolu 646 (2) tal-Kodici Kriminali fil-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent odjern jirrikjedi li din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara dik il-parti tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 646 fl-ewwel proviso li taqra kif isegwi:

'ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab'

bhala li tivjola l-Artikolu 39 (6) (d) tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi dan l-ilment kostituzzjoni billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Avukat tal-Istat, tilqa' t-talba u tiddikjara li s-sub artikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) fl-ewwel proviso tieghu fil-parti fejn jaqra:

'ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab'

jivvjola l-Kostituzzjoni ta' Malta (u mhux il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem) fl-Artikolu 39 (6) (d).

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

Stante li din il-Qorti sabet il-ksur tal-Kostituzzjoni fid-decizjoni odjerna tordna notifika ta' din id-decizjoni lill-Onorevoli Speaker Dr. Angelo Farrugia sabiex titpogga quddiem il-Kamra tad-Deputati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Jannar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Jannar, 2022**